Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 27/16

**Carmel Debono (appellant)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali (appellat)**

17 ta' Novembru 2017.

1. **Il-kwistjoni titratta dwar jekk l-appell quddiem l-Arbitru kienx prezentat fit-terminu kontemplat fl-Att dwar is-Sigurta Soċjali (Kap. 318).**

2. B'ittra datata 12 ta' Awwissu 2014, id-Direttur Ġenerali tas-Siġurta Soċjali għarraf lil Carmel Debono illi wara investigazzjoni li kienet saret mid-Dipartiment għall-Frodi u Investigazzjoni dwar Benefiċċji, ġie deċiż li l-Pensjoni għall-Invalidita` li kien ilu jirċievi mis-6 ta' Settembru 2003 kienet qegħda tiġi immedjatament imwaqqfa. Ordnalu wkoll jirrifondi l-ammont ta' €66,750.85 rappreżentanti l-pensjonijiet u bonuses li tħallsu lilu mis-6 ta' Settembru 2003 sal-15 ta' Awwissu 2014.

3. Permezz ta' ittra datata 8 ta' Ottubru 2014 Carmel Debono ippropona appell quddiem l-Arbitru. Fl-ittra hemm timbru, "*Received by the Umpire Board*" fl-14 ta' Ottubru 2014;

4. Fid-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2016[1], l-Arbitru Dr Adrian Camilleri laqa' l-eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali li l-appell ta' Carmel Debono huwa tardiv b'aktar minn 30 jum, u konsegwentement ċaħad l-appell.

5. Carmel Debono appella mid-deċiżjoni u talab lil din il-qorti sabiex filwaqt li

[1] Deċizjoni tal-Arbitru Nru: 250/16.

tħassar id-deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2016, terġa' tibgħat lura l-każ quddiem l-Arbitru sabiex jisma' u jiddeċiedi l-mertu filwaqt li tiddikjara wkoll min għandu jbati l-ispejjeż tal-istanzi kollha s' issa.

6. L-aggravji tiegħu jistgħu jiġu sintesizzati kif ġej:

***• It-terminu għall-appell huwa ta' 10 snin mid-deċiżjoni tad-Direttur, u mhux ta' 30 jum mid-data li fiha d-Direttur ikun ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu.***

- L-appellant Carmel Debono jargumenta li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali tat-12 ta' Ottubru 2014 tinkwadra taħt l-**Artikolu 105(b)** tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *"105. Meta jkun hemm kwistjoni dwar –*
> *....*
> *(b) jekk persuna hijiex jew kinitx persuna impjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha;*
> *....*
> *dik il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mid-Direttur wara li jagħmel dawk l-investigazzjonijiet li jista' jqis li jkunu neċessarji…"*

u konsegwentement japplika imbagħad l-**Artikolu 108 (1)(i) u (2)**:

> *"108. (1) Jista' jsir appell lill-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar –*
>
> *(i) id-deċiżjoni ta' xi kwistjoni taħt l-artikolu 105;*
>
> *....*
>
> *(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), appell minn kull deċiżjoni tad-Direttur li tingħata taħt l-artikolu 105 jista' jsir lill-Arbitru bil-miktub **mhux iktar tard minn għaxar snin minn dik id-deċiżjoni**."*

- Huwa għalhekk iħossu aggravat bil-fatt li l-Arbitru aċċetta l-argument ta' Joseph Chircop (rappreżentat tad-Direttur) li d-deċiżjoni tat-12 ta' Ottubru 2014 kienet invece bbażata fuq l-**Artikolu 106** tal-Kap. 318 [b'referenza għall-Artikolu 26 dwar il-Pensjoni tal-Invalidita` - u allura s-sub-inċiż (e)-] li jipprovdi illi:

> *"106. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 97, kull talba għal benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna għandha titqies mid-Direttur li jista' –*

*(a) jilqa' t-talba; jew*
*(b) jiċħad it-talba; jew*
*(c) wara li jinnotifika lir-rikorrent, jibgħat it-talba quddiem l-Arbitru maħtur taħt l-artikolu 107:*

*Iżda –*

*...*

*(e) jekk it-talba hija għal pensjoni fir-rigward ta' invalidita`, id-Direttur għandu, qabel ma jagħti d-deċiżjoni tiegħu u sakemm dik it-talba ma tkunx taqa' taħt kondizzjonijiet statutorji oħrajn, jikkonsulta dwar l-aspetti mediċi tat-talba lil xi persuna waħda jew aktar li jkollhom warrant biex jeżerċitaw il-professjoni medika u li jkunu maħturin mill-Ministru għall-fini li jagħtu parir dwar każijiet bħal dawk:*

*..."*

fejn konsegwentement jidher li ġie applikat l-**<u>Artikolu 108(1)(ii) u (3)</u>**:

*"108. (1) Jista' jsir appell lill-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza li jitqanqal dwar –*

*(ii) xi talba taħt l-artikolu 106, kemm-il darba t-talba ma tkunx ġiet miċħuda mid-Direttur wara li l-istess Direttur ikun ikkonsulta ruħu dwar l-aspetti mediċi tat-talba skont il-paragrafu (a) tal-proviso li hemm mal-imsemmi artikolu 106...*

*...*

*(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 97, appell minn deċiżjoni tad-Direttur mogħtija taħt il-proviso li hemm mal-artikolu 35 u taħt l-artikoli 58 u 106 jista' jsir lill-Arbitru bil-miktub **<u>fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub</u>** lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ."* *(enfasi ta' din il-qorti)*

- Għalhekk isostni li t-terminu tal-appell applikabbli huwa dak ta' għaxar (10) snin mid-deċiżjoni tad-Direttur u mhux ta' tletin (30) jum mid-data li fiha d-Direttur ikun ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu.

***<u>• Anke kieku kellu jitqies li t-terminu għall-appell huwa ta' 30 jum mid-data li fiha d-Direttur ikun ikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, jibqa' l-fatt li d-Direttur baqa' ma nnotifikahx bid-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Awwissu 2014 permezz ta' posta reġistrata.</u>***

- L-appellant jaċċenna għall-fatt li d-deċiżjoni tad-Direttur tat-12 ta' Awwissu 2014 ma ġietx ikkomunikata lilu permezz ta' posta reġistrata, u għalhekk l-

istess Direttur ma kellux rekord ta' meta saret in-notifika tal-avviż tat-12 ta' Awwissu 2014.

- Fil-fatt isostni li biex l-istess Direttur jirranġa tali "żball" ikkomunikalu ittra oħra datata 14 ta' Ottubru 2014, li hi identika għal dik tat-12 ta' Awwissu 2014 bil-posta reġistrata, u dan sabiex ikollu rekord tan-notifika.

- Jilmenta illi l-Arbitru ma kellu qatt jikkunsidra l-*email* tal-5 ta' Settembru 2014 (li fiha d-difensur tiegħu Dr Kevin Cutajar kiteb lid-Direttur u irrefera għall-ittra tat-12 ta' Awwissu 2014) bħala d-data tan-notifika.

***• Fl-ittra tat-12 ta' Awwissu 2014 id-Direttur ma avżahx dwar it-terminu li fih seta' jappella mid-deċiżjoni***

- L-appellant jilmenta wkoll illi l-ittra tat-12 t' Ottubru 2014 ma tispjega bl-ebda mod il-proċedura disponibbli lilu sabiex huwa jappella mid-deċiżjoni f' każ li huwa ma jaqbilx magħha. Huwa jaċċenna għas-sentenza *Polly Sant vs Direttur tas-Sigurta` Soċjali* (inċidentalment imsemmija mill-Arbitru) mogħtija minn din il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-16 ta' Diċembru 2002 fejn ġie ssottolineat illi:

  "*Hi prassi li l-avviż dwar din il-proċedura u taż-żmien preskritt jinġiebu a konjizzjoni tal-benefiċjarja fuq ir-retro tal-Avviż li jintbagħtilha.*"

7. L-appellat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali fl-4 ta' Novembru 2016 wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjoni.**

8. Għalkemm in-nota marġinali tal-Artikolu 105 tal-Kap 318 taqra "*Deċiżjoni ta' Kwistjonijiet dwar assigurabilita` u kontribuzzjonijiet*", l-Artikolu 105 innifsu effettivament jirrigwarda s-segwenti kwistjonijiet:

   *(a) jekk xi mpieg ikunx impieg assigurabbli;*
   *(b)* ***jekk persuna hijiex jew kinitx persuna impjegata jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha****;*
   *(c) min hu jew min kien il-prinċipal ta' persuna impjegata;*
   *(d) jekk għandhomx jitħallsu kontribuzzjonijiet minn jew dwar xi persuna;*
   *(e) jekk kontribuzzjoni tħallsitx minn jew dwar xi persuna;*

9. L-appellant isostni li d-deċiżjoni tad-Direttur (li permezz tagħha l-Pensjoni għall-Invalidita` kienet qegħda titwaqqaflu għaliex l-istess Direttur ma kienx

sodisfatt li ma kienx qed jaħdem) tinkwadra taħt is-sub-inċiż (b) u li allura skont l-Artikolu 108(2) tal-Kap. 318, it-terminu tal-appell hu ta' għaxar (10) snin. Il-qorti ma taqbilx għaliex:-

(a) Fit-tarf tal-artikolu 105 tal-Kap.3 18, jinghad *"Decizjoni ta' kwistjonijiet dwar assigurabilita u kontribuzzjonijiet".* Kliem li fih innifsu jaghti lill-qorti x'tifhem li d-decizjoni irid ikollha x'taqsam ma' tali kwistjonijiet. Il-każ in kwistjoni mhuwiex kwistjoni dwar assigurabilita jew kontribuzzjonijiet.

(b) Paragrafu (b) qieghed jikkontempla l-każ fejn l-appellat irid jiddeċiedi f'liema kategorija minn tlieta jaqa' l-appellant, cjoe' persuna impjegata, jew li timpjega lilha nnifsiha jew taħdem għaliha nnifisha. Dan zgur li ma kienx il-kaz in kwistjoni.

(c) Id-deċiżjoni tad-Direttur hi marbuta mat-talba oriġinali tiegħu għall-Pensjoni għall-Invalidita`. Jiġi spjegat li skont l-Artikolu 26(1) biex persuna tikkwalifika għal tali Pensjoni għall-Invalidita` irid jirriżulta li hija tkun inkapaċi żżomm impieg jew taħdem għaliha nfisha minħabba mard fiżiku jew mentali. Tali inkapaċita` tiġi ċertifikata minn persuna jew persuni mediċi maħturin mill-Ministru għall-fini li jagħtu parir fuq dawn il-każijiet. L-Artikolu 26(10) jipprovdi li pensjoni li titħallas taħt dan l-artikolu għandha tiġi riveduta mill-aspett mediku kull tliet (3) snin jew qabel. Fil-fatt, kif anke jidher mid-dokumenti eżibiti, it-tobba tad-dipartiment kienu jeżaminaw lill-appellant perjodikament u "*prima facie*" kien jirriżultalhom li kien inkapaċi għal xogħol xieraq. Ġara li nonostante tali pariri mediċi, l-ispetturi li investigaw il-każ fl-2014 in segwitu għal rapport anonimu li kien sar lid-Dipartiment, kienu tal-fehma li tul iż-żmien li l-appellant kien qed jirċievi l-Pensjoni għall-Invalidita` kien effettivament qed jinnegozja fil-proprjeta` u jipprattika x-xogħol ta' mastrudaxxa, u dan bi ksur tal-Artikolu 26(1).

10. L-ittra tad-Direttur tat-12 ta' Awwissu 2014 tikkonsisti essenzjalment f'avviż li b'effett immedjat kienet qegħda titwaqqaf il-Pensjoni tal-Invalidita u talba ghar-rifużjoni ta' €66,750.85. Għalhekk f' dan ir-rigward din il-qorti taqbel mal-

konklużjoni tal-Arbitru in kwantu qal li t-terminu li fih seta' jsir appell huwa dak ta' tletin (30) jum minn "*mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub*", u dan abbażi tal-Artikolu 108(3).

11. Tqum imbagħad il-kwistjoni dwar in-notifika. Id-deċiżjoni tad-Direttur li jwaqqaf minnufih il-ħlas tal-Pensjoni għall-Invalidita` lil Debono tissemma fl-ittra datata 12 ta' Awwissu 2014 *ai termini* tal-istess Artikolu 108(3). Ittra li ntbagħtet bil-posta mingħajr ma ġiet reġistrata. Għalhekk id-Direttur ma kienx f'pożizzjoni jiddikjara meta l-appellant irċeviha. Pero' hu evidenti li Debono kien irċeviha peress li permezz ta' *email* tal-avukat tiegħu tal-5 ta' Settembru 2014, saret talba biex issir laqgħa sabiex id-Direttur jispjega f'iktar dettall ir-raġuni ghal dik id-decizjoni. Madankollu mhemmx dubju li rceviha, tant li ntbagħtet l-email datata 5 ta' Settembru, 2014. L-appell quddiem l-Arbitru sar fl-14 ta' Ottubru, 2014, li hu zgur wara li skadew tletin gurnata, "*.... mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tieghu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ"* (artikolu 108(3) tal-Kap. 318).

12. Hu fih innifsu fatt li fl-ittra tat-12 ta' Awissu, 2014 ma jingħadx:

   a. A bażi ta' liema disposizzjoni tal-liġi, l-appellat kien iddeċieda li jwaqqaf il-Pensjoni tal-Invalidita;
   b. Li l-appellant għandu jedd jappella mid-deċiżjoni.

Din il-qorti kif presjeduta ilha iktar minn sentejn tikkunsidra appelli taht l-Att dwar is-Sigurta Soċjali (Kap. 318), u taf bħala fatt li meta l-appellat joħroġ deċiżjoni li tkun appellabbli quddiem l-Arbitru, u f'dan il-kaz l-appellat mhuwiex jikkontesta li jezisti jedd ta' appell, jingħata avviż lill-benefiċjarju li jkun jaqra:

*"Jekk inti ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni int tista' tappella lill-Arbitru li maħtur skont l-Att dwar is-Sigurta Soċjali (Kapitolu 318) tal-Liġijiet ta' Malta. L-Appell għandu jsir bil-miktub fi żmien tletin ġurnata, mid-data ta' din l-ittra.*

*L-ittra tal-appell, FLIMKIEN MA' KOPJA TAD-DEĊIŻJONI li qed tiġi appellata (jew kontestata), għandha tiġi indirizzata lis-Segretarja tal-Arbitru, Uffiċċju tal-Arbitru, Blokk C, Belt is-Sebħ, Floriana, FRN 1700. Appelli lill-Arbitru jistgħu jsiru fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' mportanza li jistgħu jinqalgħu dwar din id-deċiżjoni"*.

F'dan il-kaz l-appellat ma ngħatax avviż simili. Pero' fil-Kap. 318 mhemmx disposizzjoni li teżigi li jingħata avviż simili, għalkemm din hi prassi tajba. Hu fatt li *ignorance of the law* mhijiex skuża valida. B'dik l-ittra l-appellant ġie nfurmat bid-deċiżjoni tal-appellat, ċjoe' li:

a. Il-Pensjoni tal-Invalidita kienet qegħda tiġi mwaqqfa immedjatament, minħabba li l-appellat ma kienx sodisfatt li l-appellant ma jaħdimx;
b. L-appellant għandu jirrifondi s-somma ta' €66,750.85, ċjoe' l-Pensjoni tal-Invalidita u *bonuses* li rċieva bejn is-6 ta' Settembru, 2003 sal-15 ta' Awissu, 2014.

Mill-email tal-5 ta' Settembru, 2014 hu evidenti li l-appellant kien assistit minn avukat. Fil-fatt l-email inkitbet minn avukat. Fit-12 ta' Settembru, 2014 id-Dipartiment wieġeb l-email, u għarraf lill-avukat li kien qiegħed jassisti lill-appellant li l-Pensjoni tal-Invalidita twaqqfet għaliex kien irriżulta li l-appellant, *"... kien qiegħed jagħmel attivita ekonomika filwat li kien qiegħed jipperċepixxi l-pensjoni imsemmija"*. Minn dik l-email il-posizzjoni tad-Dipartiment kienet ċara u kien evidenti li mhemmx lok għal diskussjoni. Pero' għal xi raġuni kien biss fl-14 ta' Ottubru, 2014 li l-appell ġie pprezentat. Min-naħa tal-appellant ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għalfejn ġara hekk. Hu evidenti li l-appell sar in vista tal-ittra tat-12 ta' Awissu, 2014 li biha l-appellat ikkomunika d-decizjoni tieghu lill-appellant. Tant hu hekk li fl-ittra tal-appell tat-8 ta' Ottubru, 2014 saret riferenza ghall-ittra tat-12 ta' Awissu, 2014. Fatt li fih innifsu juri li l-appellant kien jaf li seta' jappella mid-deċiżjoni, tant hu hekk li fl-aħħar paragrafu tal-ittra jingħad:

*"Għaldaqstant, l-klijent iħoss li d-deċiżjoni tad-Direttur li jwaqqaflu ħesrem il-pensjoni tal-invalidita u li saħansitra jitolbu jirrifondi l-flus kollha li rċieva f'benefiċċji soċjali, tisker il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u hi żbaljata, inġusta u bla bażi. Minħabba f'hekk qed jinterponi umli appell għal quddiem l-Onorevoli Arbitru sabiex jannulla, jħassar u jibdel id-deċiżjoni tad-Direttur u dan ai termini tal-Artikoli 108(2) u 105(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

Jibqa' l-fatt li l-appell kien tardiv, u din mhijiex materja li dwarha l-Arbitru għandu xi diskrezzjoni.

13. Hu minnu li d-Dipartiment reġa' bagħat ittra lill-appellant datata 14 ta' Ottubru 2014, li l-kontenut tagħha hu identiku għal dik tat-12 ta' Awissu, 2014. Ittra li din id-darba jidher li ntbagħtet bil-posta reġistrata. Mistoqsi dwarha Joseph Chircop xehed li din intbagħtet sempliċiment bħala *reminder*, iżda fiha ma jingħadx li ntbagħtet bħala *reminder* u lanqas mhemm riferenza għall-ittra tat-12 ta' Awwissu 2014. Pero' din l-ittra ma kinitx titratta deċiżjoni ġdida tal-appellat. Għat-tieni darba reġgħet ġiet komunikata lill-appellat id-deċiżjoni li kien ħa l-appellat. Deċiżjoni waħda kien hemm, u l-ewwel darba li l-appellant kien infurmat biha kien bl-ittra tat-12 ta' Awissu 2014. It-terminu tal-appell jiddekorri minn dakinhar li dik id-deċiżjoni giet komunikata lilu mill-appellat. Fil-kaz in ezami d-decizjoni giet komunikata lill-appellat bl-ittra tat-12 ta' Awissu, 2014, li kif rajna zgur li kienet ghand l-appellant ghallinqas fil-5 ta' Settembru, 2014. Għalhekk it-tieni ittra ma tistax tgħin lill-appellant.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.